# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 05 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Bianca Hoyer**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Bianca Hoyer, detentrici tal-karta ta' l-identita' Germaniza bin-numru L7XP4CTGO.

Akkuzata talli gewwa San Pawl il-Bahar u f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Novembru, 2018:

1. Bil-hsieb li taghmel hsara lil Enrico Uhlemann, akkuzatu quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li Enrico Uhlemann huwa innocenti;
2. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Enrico Uhlemann bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 101(1)(a) u 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena priguneria li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal-perjodu ta' sentejn. Inoltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 109 ta'l-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bħala perit bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, f'kull każ li jkun u dan ghall-perjodu ta' ghaxar snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarjun l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**